



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 19.10.2011
SEG(2011) 1213 finali

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

li jakkumpanja d-dokument

**PROPOSTA GĦAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL**

dwar Linji Gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport

{KUMM(2011) 650 finali}
{SEG(2011) 1212 finali}

Dan id-dokument jipprovdi s-sommarju eżekuttiv tar-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt dwar il-Linji Gwida riveduti tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport li ħarġet il-Kummissjoni.

1. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA: NETWORK FRAMMENTAT LI MHUX XIERAQ GĦALL-UŻU TIEGĦU

L-UE-27, meta titqies b'mod globali, hija attrezzata tajjeb bl-infrastrutturi tat-trasport. Iżda s'issa dawn l-infrastrutturi għadhom mhumiex jipprovdu lill-Unjoni b'netwerk trans-Ewropew komplut li jista' jissodisfa b'mod xieraq l-għanijiet stabbiliti għalih. In-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) huwa frammentat ġeografikament – b'mod partikolari bejn il-pajjiżi, u modalment – kemm bejn il-modi tat-trasport kif ukoll fi ħdanhom.

Il-konnessjonijiet transkonfinali neqsin bħalissa jikkostitwixxu konġestjonijiet sinifikanti għall-flussi tal-merkanzija u tal-passiġġieri f'assi Ewropej importanti. Dawn jaffettwaw il-konnessjonijiet kemm minn Stat Membru tal-Unjoni għall-ieħor kif ukoll dawk mal-ġirien tal-Unjoni. Barra minn hekk, id-disparità konsiderevoli u kontinwa fil-kwalità u d-disponibbiltà tal-infrastruttura bejn l-Istati l-Membri l-qodma u dawk il-ġodda tfisser ukoll li l-konnessjonijiet bejn il-Lvant u l-Punent ma tantx huma żviluppati meta mqabbla ma' dawk mit-Tramuntana għan-Nofsinhar, li huma predominanti fuq il-mappa tat-TEN-T.

Meta wieħed iħares lejn in-netwerk tal-infrastruttura minn perspettiva modali, isib li dan ukoll huwa frammentat. In-nodi intermodali, li jippermettu l-iskambju tal-passiġġieri u tal-oġġetti minn mod għall-ieħor, huma sottożviluppati f'ħafna mill-istazzjonijiet ferrovjarji, l-ajruporti u l-portijiet ewlenin Ewropej. In-nuqqas ta' kapaċitajiet intermodali, flimkien ma' partijiet importanti neqsin jew ta' kwalità fqira tul in-netwerks ferrovjarji u n-netwerks tal-passaġġi fuq l-ilma interni, iwasslu għal sfruttament insuffiċjenti tal-għażliet komodali u għal żieda fil-konġestjonijiet fil-kapaċità tal-infrastruttura fil-modi kollha.

Barra minn hekk, settijiet differenti ta' regoli u standards operazzjonali, ibbażati fuq tradizzjonijiet u liġijiet tal-Istati Membri individwali li ilhom jeżistu għal żmien twil, qed jimmultiplikaw l-ostakli u l-konġestjonijiet fis-sistema tat-trasport. It-trasport ferrovjarju huwa eżempju prominenti fejn il-problemi tal-interoperabilità ("ratba") minħabba regoli operattivi nazzjonali differenti, bħas-sistemi ta' sinjalazzjoni għall-kontroll tal-ferroviji, it-trattament tad-dokumenti, l-iskemi tal-lingwi, iċ-ċertifikazzjonijiet tal-ekwipaġġ tal-ferroviji, id-dwal ta' wara u affarijiet oħra, u parametri tal-infrastruttura fiżika mhux allinjati, bħall-gejġ ferrovjarju, it-tul tal-ferrovija, it-tagħbijiet fuq il-fus u s-sistemi tal-forniment tal-enerġija tal-ġbid, qegħdin ifixklu ħafna l-effettività ta' investimenti trans-Ewropej kbar ħafna fl-infrastruttura ("iebsa").

Ġew identifikati erba' elementi li jikkawżaw il-problema, li jikkorrispondu għal żewġ oqsma ta' azzjoni: l-ippjanar kunċettwali u l-mezzi għall-implimentazzjoni. Il-kawżi li jwasslu għall-frammentazzjoni huma: l-ippjanar insuffiċjenti fil-livell tal-UE tal-konfigurazzjoni tan-netwerk; l-implimentazzjoni insuffiċjenti ta' standards komuni u l-adozzjoni insuffiċjenti ta' regoli komuni għall-interoperabilità tan-netwerks fi ħdan it-TEN-T; il-kooperazzjoni limitata bejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-proġetti u n-nuqqas ta' kundizzjonalità suffiċjenti tal-istrumenti ta' finanzjament tat-TEN-T.

2. HIJA ĠĠUSTIFIKATA AZZZJONI TAL-UE ABBAŻI TAS-SUSSIDJARJETÀ?

Il-ħtieġa għal żvilupp ikkoordinat ta' netwerk trans-Ewropew fil-qasam tal-infrastruttura tat-trasport biex jiġu appoġġati l-flussi tat-trasport fi ħdan is-suq uniku Ewropew u għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali ġiet rikonoxxuta bl-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fit-Trattat tal-UE.

L-Artikoli 170 sa 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiddefinixxu l-għanijiet u l-ambitu ġenerali ta' azzjoni tal-UE li tappoġġa l-istabbiliment u l-iżvilupp tat-TEN-T. Barra minn hekk, sensiela ta' dokumenti sinifikanti ġodda dwar l-istrateġiji tal-politika li ġew adottati mill-Kummissjoni (l-Istrateġija UE 2020, il-Komunikazzjoni dwar il-Baġit, il-White Paper għat-Trasport u l-Att dwar is-Suq Uniku) ipprovdiet kuntest politiku ġdid li fih għandha tiġi żviluppata l-politika tat-TEN-T.

L-Artikolu 172 jistabbilixxi l-Qafas għall-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà billi jesiġi l-approvazzjoni tal-Istati Membri rigward proġetti fit-territorju tagħhom. Il-ħtieġa għall-koordinazzjoni bejn l-Unjoni, li tistabbilixxi l-Linji gwida, u l-Istati Membri, li jimplementawhom, wasslet għall-istabbiliment tal-Kumitat dwar il-Linji gwida tat-TEN-T, li ġie involut f'kull stadju tar-reviżjoni tal-Linji gwida tat-TEN-T.

3. GĦANIJET TAR-REVIŻJONI TAL-POLITIKA TAT-TEN-T

L-għan kumplessiv ta' din l-inizjattiva huwa li, sal-2030, jiġi stabbilit TEN-T komplut u integrat li jimmassimizza l-valur miżjud tan-netwerk għall-Ewropa. Dan in-netwerk ottimu jkun ikopri u jgħaqqad flimkien l-Istati Membri kollha tal-UE b'mod li jkun intermodali u interoperabbli. Dan in-netwerk ikun jipprovidi wkoll konnessjonijiet mal-pajjiżi ġirien u mal-pajjiżi terzi, kif ukoll mal-modi u s-sistemi kollha tat-trasport li jkunu jappoġġaw il-bidla, sal-2050, għal sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti.

Dan l-għan ġenerali jista' jwassal għal għanijiet aktar speċifiċi, li għandhom jintlaħqu sal-2030. Kull wieħed minn dawn l-erba' (4) għanijiet speċifiċi għandu l-ħsieb li jindirizza waħda mill-erba' (4) kawżi li jwasslu għall-problema tal-frammentazzjoni.

L-ewwel għan speċifiku għandu jżid il-koordinazzjoni fl-**ippjanar** tal-UE:

- Id-definizzjoni ta' *approċċ koerenti u trasparenti biex jiġi mmassimizzat il-valur miżjud tat-TEN-T għall-UE*, li jindirizza aspetti tal-frammentazzjoni tan-netwerk marbuta ma' konnessjonijiet neqsin, il-multimodalità u konnessjonijiet xierqa mal-pajjiżi ġirien u mal-pajjiżi terzi, kif ukoll l-iżgurar ta' kopertura ġeografika xierqa.

It-tliet għanijiet speċifiċi li ġejjin għandhom ifasslu struttura ta' governanza soda biex tiġi żgurata l-**implimentazzjoni** tal-konfigurazzjoni ottima tan-netwerk li tkun ġiet identifikata permezz tagħhom:

- It-trawwim tal-implimentazzjoni ta' *standards* Ewropej għas-sistemi tal-ġestjoni u l-isforz biex jiġu żviluppanti *regoli* operattivi armonizzati dwar il-proġetti tat-TEN-T li jkunu ta' interess komuni. Dan l-objettiv ma għandux l-għan li jimponi standards u regoli speċifiċi ġodda, iżda għandu l-għan li jiżgura li jiġu adottati u implimentati b'mod effettiv l-istandards komuni Ewropej li diġà ġew żviluppanti.

- *It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri* sabiex jiġu kkoordinati l-investimenti, l-iskedar, l-għażla tar-rotot, il-valutazzjonijiet ambjentali u l-valutazzjonijiet tal-ispejjeż meta mqabblin mal-benefiċċji tal-proġetti ta' interess komuni.
- *L-iżgurar li l-konfigurazzjoni ottima tan-netwerk tkun element ewlieni fl-allokkazzjoni tal-finanzjament tal-UE* li tippermetti li tingħata attenzjoni speċjali lit-taqsimiet transkonfinali, lill-konnessjonijiet neqsin u lill-konġestjonijiet.

Dawn l-għanijiet speċifiċi ġew maqsumin iktar f'għanijiet operattivi kif ġej:

Il-metodoloġija biex tiġi ddefinita l-konfigurazzjoni tan-netwerk għandha tippermetti:

- li l-ajruporti u l-portijiet marittimi ewlenin kollha jiġu konnessi ma' modi oħra, speċjalment mas-sistemi ferrovjarji (Ta' Veloċità Għolja) u tal-passaġġi fuq l-ilma interni, sal-2050;
- li 30 % tat-trasport tal-merkanzija bit-triq tul aktar minn 300 km jinqaleb għal modi oħra bħat-trasport ferrovjarju jew fuq l-ilma sal-2030 u li, sal-2050, din iċ-ċifra tkun taqbeż il-50 %.

L-implimentazzjoni tal-istandards Ewropej u l-adozzjoni ta' regoli komuni għandhom jitwettqu billi:

- sal-2030 tiġi żgurata l-mobilizzazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni tat-trasport Ewropej (l-ERTMS, is-SESAR, is-STI, ir-RIS, is-SSN u l-LRIT) għall-proġetti ta' interess komuni;
- jiġu żgurati l-impenji tal-Istati Membri biex jiftiehem dwar regoli operattivi komuni sabiex, sal-2030, ikollhom proġetti ta' interess komuni li jkunu jiffunzjonaw bis-sħiħ.

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri se titwettaq billi:

- jinkisbu impenji vinkolanti min-naħa tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' proġetti transkonfinali essenzjali bi skeda vinkolanti;
- jinkisbu impenji vinkolanti min-naħa tal-Istati Membri biex jittieħdu miżuri li jeliminaw il-konġestjonijiet u l-konnessjonijiet neqsin fit-territorju tagħhom li jkollhom effetti transkonfinali.

Il-konfigurazzjoni ottima tan-netwerk għandha tiżgura:

- li tingħata prijorità lill-proġetti transkonfinali, il-konġestjonijiet u l-konnessjonijiet neqsin, l-interoperabilità u l-intermodalità;
- li l-finanzjament tal-UE ikun jiddependi fuq il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE (il-VAS, il-VIA u n-Natura 2000).

4. GĦAŻLIET TAL-POLITIKA

Ġie applikat proċess doppju għall-ġenerazzjoni ta' firxa ta' għażliet possibbli tal-politika li jistgħu jindirizzaw l-elementi li qed iwasslu għall-frammentazzjoni tat-TEN-T u għaldaqstant

jgħinu biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti hawn fuq. L-ewwel nett, ġiet identifikata firxa ta' xenarji politiċi ġeneriċi possibbli f'kull qasam għall-azzjoni. Ġew previsti (A) ħames xenarji ta' "ppjanar" – li kollox jibqa' kif inhu, li l-linji gwida jitwarrbu, li jingħażlu PPs ġodda (jew "Essen 2"), li jkun hemm Network Ewlieni u li jkun hemm netwerk komprensiv dens; u ġew żviluppanti (B) ħames xenarji ta' "implimentazzjoni" – li kollox jibqa' kif inhu, li l-linji gwida jitwarrbu, li jkun hemm approċċ regolatorju biss, li jkun hemm iktar koordinazzjoni u li jkun hemm ġestjoni operattiva sħiħa min-naħa tal-UE.

It-tieni nett, ġew iġġenerati alternattivi għall-għażliet tal-politika permezz ta' kombinazzjonijiet ta' xenarji politiċi f'kull livell tal-azzjoni. Ir-riżultat kien matriċi ta' 25 kombinazzjoni ta' xenarji ta' ppjanar u implimentazzjoni (AB), i.e. 25 għażliet tal-politika possibbli (teoretikament). Peress li x-xenarju ta' ppjanar li "l-linji gwida jitwarrbu" ma kien kompatibbli ma' ebda xenarju ta' implimentazzjoni, ħames għażliet li kienu jinvolvu dan ix-xenarju twarrbu mal-ewwel. Dan ix-xenarju ta' ppjanar sussegwentement tqies bħala għażla tal-politika għaliha waħedha, mingħajr dimensjoni ta' implimentazzjoni.

Il-21 għażla li kien għad baqa' ġew sottomessi għal valutazzjoni preliminari fir-rigward tal-effettività tagħhom fl-indirizzar tal-elementi li jikkawżaw il-frammentazzjoni tat-TEN-T. Sussegwentement, tliet kombinazzjonijiet ta' xenarji nżammu bħala għażliet tal-politika li kienu ċarament vijabbli – A3B4, A4B4, A5B4, u kien hemm ukoll xenarju ieħor – ir-raba' wieħed – li kien kważi vijabbli – A1B4. Minkejja l-fatt li din l-aħħar kombinazzjoni kienet tagħti riżultati tajbin f'termini ta' impatti pożittivi, din twarrbet. Minħabba li għad hemm koordinazzjoni limitata fl-ippjanar, din il-kombinazzjoni ma ssolvix il-kwistjoni ċentrali tal-frammentazzjoni tan-netwerk u, għaldaqstant, ma tkunx alternattiva tal-politika vijabbli.

Impatti fuq l-għażliet	Koordinazzjoni fl-ippjanar	Standards u regoli tal-interoperabilità	Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri	Kundizzjonalità tal-finanzjament tal-UE
A1B1 Kollox jibqa' kif inhu / Kontinwazzjoni tat-30 PP attwali u tal-approċċ attwali tal- implimentazzjoni	[0]	[0]	[+]	[0]
A1B2 Kontinwazzjoni tat-30 PP attwali iżda mingħajr iktar appoġġ għall- implimentazzjoni min-naħa tal-UE	[0]	[0/-]	[-]	[-]
A1B3 Kontinwazzjoni tat-30 PP attwali b'approċċ purament regolatorju għall- implimentazzjoni	[0]	[0/+]	[+]	[0/+]
A1B4 Kontinwazzjoni tat-30 PP attwali b'iktar koordinazzjoni	[0]	[++]	[+++]	[+++]

A1B5 Kontinwazzjoni tat-30 PP attwali b'ġestjoni operattiva sħiħa min-naħa tal-UE	[0]	[++]	[-]	[+]
A2 Il-linji gwida jitwarrbu	[-]	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli	Mhux applikabbli
A3B1 L-Istati Membri jagħżlu l-PPs il-ġodda (Essen 2) bl-approċċ attwali tal-implimentazzjoni	[+]	[0]	[+]	[0]
A3B2 L-Istati Membri jagħżlu l-PPs il-ġodda (Essen 2) mingħajr iktar appoġġ għall-implimentazzjoni min-naħa tal-UE	[+]	[0/-]	[-]	[-]
A3B3 L-Istati Membri jagħżlu l-PPs il-ġodda (Essen 2) b'approċċ purament regolatorju għall-implimentazzjoni	[+]	[0/+]	[+]	[0/+]
A3B4 L-Istati Membri jagħżlu l-PPs il-ġodda (Essen 2) b'iktar koordinazzjoni	[+]	[++]	[+++]	[++]
A3B5 L-Istati Membri jagħżlu l-PPs il-ġodda (Essen 2) b'ġestjoni operattiva sħiħa min-naħa tal-UE	[+]	[++]	[-]	[+]
A4B1 Netwerk magħmul minn żewġ saffi (dak ewlieni u dak komprensiv) bl-approċċ attwali tal-implimentazzjoni	[++]	[0]	[+]	[0]
A4B2 Netwerk magħmul minn żewġ saffi (dak ewlieni u dak komprensiv) mingħajr appoġġ għall-implimentazzjoni min-naħa tal-UE	[++]	[0/-]	[-]	[-]
A4B3 B'approċċ purament regolatorju għall-implimentazzjoni	[++]	[0/+]	[+]	[0/+]

A4B4 Żewġ saffi tat-TEN-T (dak ewlieni u dak komprensiv) Iktar koordinazzjoni	[++]	[++]	[+++]	[+++]
A4B5 Netwerk magħmul minn żewġ saffi (dak ewlieni u dak komprensiv) b'ġestjoni operattiva sħiħa min-naħa tal-UE	[++]	[++]	[-]	[+]
A5B1 TEN-T dens bl-approċċ attwali tal-implimentazzjoni	[+++]	[0]	[+]	[0]
A5B2 TEN-T dens mingħajr iktar appoġġ għall-implimentazzjoni min-naħa tal-UE	[+++]	[0/-]	[-]	[-]
A5B3 TEN-T dens Approċċ purament regulatorju għall-implimentazzjoni	[+++]	[0/+]	[+]	[0/+]
A5B4 TEN-T dens b'iktar koordinazzjoni	[+++]	[++]	[+++]	[+++]
A5B5 TEN-T dens b'ġestjoni operattiva sħiħa min-naħa tal-UE	[+++]	[++]	[-]	[+]

Spjegazzjoni: [-] negattiv/negattiva/negattivi; [0] xejn; [+] baxx/baxxa/baxxi; [++] medju/medja/medji; [+++] għoli/għolja/għoljin.

B'mod parallel, il-koerenza ta' kull xenarju tal-politika mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità ġiet ivvalutata. Instab li tnejn minn dawn ix-xenarji u li tnejn mix-xenarji ta' implimentazzjoni ma kinux konformi ma' dawn il-prinċipji – ix-xenarji "A2/Il-linji gwida jitwarrbu" u "A5/Approċċ ta' netwerk dens" u x-xenarji "B3/Approċċ regulatorju biss" u "B5/ġestjoni operattiva sħiħa min-naħa tal-UE". Għaldaqstant, kwalunkwe kombinazzjoni li kienet tinkludi xi wieħed minn dawn ix-xenarji tqieset bħala kombinazzjoni li ma kinitx vijabbli bħala għażla tal-politika. Konsegwentement, l-għażla A5B4 twarrbet mil-lista tax-xenarji għal iktar kunsiderazzjoni, minkejja l-fatt li, skont il-kriterji tal-effettività, kienet se tkun l-aktar waħda promettenti f'termini tal-indirizzar tal-ixpruni attwali u b'hekk fil-kisba tal-għanijiet tal-politika tat-TEN-T¹.

¹ Argumenti oħra li ma kinux favur li din l-għażla tinżamm kienu l-ispejjeż għoljin ħafna marbutin magħha, li jirriżultaw f'kosteffiċjenza limitata, u l-iżviluppi estensivi tal-infrastruttura meħtieġa li ma setgħux jitlestew sal-iskadenza tal-2030.

Dan il-proċess ta' skrinjar minn qabel tal-għażliet possibbli tal-politika naqqas l-għażla għal waħda bejn żewġ alternattivi tal-politika li waħedhom kapaċi jindirizzaw il-kawżi fundamentali kollha tal-problema identifikata hawn fuq:

- l-Għażla Nru 1 (A3B4), li tikkombina approċċ għall-ippjanar li b'mod estensiv ikompli mal-politika attwali, għalkemm b'ċerti emendi fid-dawl tal-esperjenza miksuba, b'approċċ ta' iktar koordinazzjoni għall-implimentazzjoni; u
- l-Għażla Nru 2 (A4B4), li tikkombina approċċ aktar b'saħħtu għall-koordinazzjoni fl-ippjanar, permezz ta' identifikazzjoni ta' konfigurazzjoni ottimizzata tal-"qofol" strateġiku tat-TEN-T, bl-istess approċċ ta' iktar koordinazzjoni għall-implimentazzjoni.

L-impatti taż-żewġ għażliet ġew ivvalutati billi tqabblu max-xenarju bażiku, jiġifieri ma' xenarju fejn l-approċċ politiku attwali jinżamm.

5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI

It-tabella ta' hawn taħt tagħti preżentazzjoni fil-qosor tal-impatti differenti tal-għażliet tal-politika meqjusa b'rabta ma' impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali oħrajn:

	Għażla Nru 1	Għażla Nru 2
Impatti ekonomiċi		
Impatt fuq is-settur tat-trasport		
- Il-modalità u l-effiċjenza tas-sistema tat-trasport	+	++
- Il-konġestjoni u l-ħinijiet tal-ivvjaġġar	+	++
- Il-piż amministrattiv	+	++
Impatti ekonomiċi ġenerali		
- Il-kummerċ mal-pajjiżi ġirien u mal-pajjiżi terzi	+	++
- It-tkabbir ekonomiku	+	++
- L-innovazzjoni	+	++
- Il-kompetittività tal-UE	+	++
Impatti soċjali		
L-impjiegi		
- L-impjiegi marbuta mal-investimenti fl-infrastruttura	++	++
- L-effetti fuq l-impjiegi fis-settur tat-trasport	+	++
Is-sikurezza u s-saħħa pubblika		
- Is-sikurezza fit-toroq	+	++

L-aċċessibbiltà u l-koeżjoni territorjali	+	++
Impatti ambjentali		
L-emissjonijiet		
- It-tibdil fil-klima	=	+
- It-tniġġis tal-arja	++	++
- L-istorbju	=	+
L-użu tal-enerġija	+	+
L-użu tal-art	-	-

L-analiżi wriet li:

- Kemm l-Għażla Nru 1 kif ukoll l-Għażla Nru 2 se jkollhom impatt *ekonomiku* pożittiv kumplessiv ogħla, kemm fil-livell makroekonomiku kif ukoll għas-sistema Ewropea tat-trasport, meta mqabblin max-xenarju bażiku. L-Għażla Nru 2 tidher li hija ppreferuta, peress li għandha impatti pożittivi ogħla fuq l-aspetti kollha vvalutati.
- F'dak li għandu x'jaqsam mal-impatti *soċjali*, kemm l-Għażla Nru 1 kif ukoll l-Għażla Nru 2 se jkollhom impatti pożittivi ogħla fir-rigward tal-ħolqien tal-impjegi milli kieku wieħed ikompli juża l-approċċ politiku attwali. L-impatt fuq is-sikurezza x'aktarx li se jkun pożittiv miż-żewġ għażliet, għalkemm jinħass fit anqas, minħabba l-effett ta' rikorrenza (rebound) ta' żieda fil-volumi tat-trasport fuq konfigurazzjoni tan-netwerk imtejba fiż-żewġ għażliet. L-Għażla Nru 2 tkun ippreferuta minħabba li se jkollha effetti pożittivi kumplessivi ogħla.
- F'dak li għandu x'jaqsam mal-aspetti *ambjentali*, l-effett ta' rikorrenza tal-effiċjenza mtejba fit-trasport fl-Għażliet Nru 1 u 2 se jillimita l-impatt pożittiv tat-tnaqqis fl-emissjonijiet u fl-użu tal-enerġija li jiġi mit-tnaqqis tal-konġestjoni u mill-bidla modali indotta. Fl-Għażla Nru 1, l-impatt fuq l-użu tal-art u l-bijodiversità x'aktarx li se jkun partikolarment negattiv, peress li l-għażla ta' Proġetti Ġodda ta' Prijorità se twassal għall-bini ta' infrastruttura ġdida, filwaqt li fl-Għażla Nru 2 dan se jibqa' limitat minħabba l-isforzi biex l-infrastruttura eżistenti tiġi interkonnessa bl-aħjar mod. L-Għażla Nru 2 tidher li hija ppreferuta minn dan il-lat ukoll, minħabba li se jkollha impatti pożittivi kumplessivi ogħla.

Il-valutazzjoni tal-impatt tal-għażliet tal-politika għandha element ta' inċertezza marbut magħha, minħabba l-influwenza ta' fatturi li diffiċli jiġu previsti jew ikkwantifikati. Dawn huma jew fatturi inerenti għall-għażliet tal-politika, bħall-bidliet possibbli fil-konfigurazzjoni tan-netwerk jew inkella l-impatt tad-deċizzjonijiet baġitarji fil-livell tal-Unjoni, tal-Istati Membri jew reġjonali; jew fatturi esterni għall-għażliet tal-politika tal-infrastruttura tat-trasport, bħall-ħafna sinerġiji u compromessi ma' miżuri politiċi oħrajn tat-trasport, mal-iżviluppi teknoloġiċi fit-tul jew mal-aspetti ambjentali.

6. TQABBIL TAL-GĦAŻLIET

Kull għażla alternattiva miżmuma tirriżulta f'titjib sinifikanti meta mqabbla mal-approċċ bażiku tal-politika, kemm f'termini tal-effettività fl-implimentazzjoni tal-għanijiet speċifiċi tal-politika kif ukoll f'termini tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali. L-Għażla Nru 2, minħabba li għandha koordinazzjoni aktar b'saħħitha żgurata kemm fil-livell tal-ippjanar kif ukoll fil-livell tal-implimentazzjoni, se jkollha impatti pożittivi kumplessivi oġhla.

F'termini tal-effiċjenza, il-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-Għażla Nru 2 huma oġhla minn dawk tal-Għażla Nru 1, filwaqt li l-ispejjeż tal-implimentazzjoni ta' dawn l-għażlijiet huma simili u jwasslu għal proporzjon aħjar ta' benefiċċji meta mqabbla mal-ispejjeż għall-Għażla Nru 2 milli għall-Għażla Nru 1.

Fl-aħħar nett, l-Għażla Nru 2 x'aktarx li se tkun aktar effettiva fil-limitazzjoni tal-kompromessi fil-qasam ekonomiku, soċjali u ambjentali miż-żewġ approċċi ta' politika l-oħrajn.

7. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Il-Kummissjoni tevalwa u tanalizza l-progress tal-implimentazzjoni tal-politika tat-TEN-T permezz ta' Rapporti annwali dwar il-progress – din hija Prattika li se tkompli takkumpanja l-implimentazzjoni tal-politika tat-TEN-T tkun xi tkun l-għażla tal-approċċ tal-politika fil-ġejjieni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-aġenziji tagħha, notevolment l-Aġenzija Eżekuttiva tat-TEN-T u l-Koordinaturi Ewropej, li l-mandat u r-rwol tagħhom se jinżammu fl-għażlijiet kollha, se jkomplu jimmonitorjaw b'mod kostanti sett ta' indikaturi li jkejlu sa liema punt ikunu ntlaħqu l-għanijiet operattivi tal-politika stabbiliti f'dan ir-rapport.